Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' April 2016**
**(OR. en)**

**7612/16**

**UD 71**
**DELACT 60**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 7145/16 UD 60 DELACT 43 |
| Suġġett: | CORRIGENDUM għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli tranżizzjonali għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fejn is-sistemi elettroniċi rilevanti għadhom ma sarux operazzjonali u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 tal-Kummissjoni C(2015) 9248 final<br>- Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għal att delegat |

1. Il-Kummissjoni ppreżentat l-att delegat[1] ta' hawn fuq lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 290 TFUE u r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni[2], u b'mod partikolari l-Artikoli 279 u 284(2) tiegħu. Peress li l-Kummissjoni ħarġet notifika dwar l-att delegat fil-11 ta' Marzu 2016, il-Kunsill jista' joġġezzjona għalih sal-11 ta' Mejju 2016.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali ġie kkonsultat dwar l-att delegat, u l-ebda delegazzjoni ma qieset li ser ikun hemm bażi biex il-Kunsill joġġezzjona għalih.

[1] 7145/16 UD 60 DELACT 43
[2] ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

3. Għaldaqstant huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni joġġezzjona għall-att delegat imsemmi hawn fuq u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu informati b'dan. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 284 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.